2025/1503

24.7.2025

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/1503**

**tat-8 ta’ Lulju 2025**

**dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b’mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-5 ta’ Ġunju 2003 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma’ pajjiżi terzi rigward is-sostituzzjoni ta’ ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim fil-livell tal-Unjoni.

(2) Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni nnegozjat, f’isem l-Unjoni, Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (il-“Ftehim”). In-negozjati ġew konklużi b’suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fl-14 ta’ Ottubru 2024.

(3) L-objettiv tal-Ftehim huwa li l-ftehimiet bilaterali dwar servizzi tal-ajru bejn 16-il Stat Membru u l-Każakistan jiġu jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (il-“Ftehim”) b’dan qed jiġi awtorizzat f’isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tat-tali Ftehim ([1]).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta’ Lulju 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. LOSE

([1]) It-test tal-Ftehim se jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni tal-konklużjoni tiegħu.